**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 15 ta' Gunju, 2016**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 150/2011**

**Joseph Vella u Fortudol Limited**

**vs**

**Philip Zammit, Norman Zammit u Maria Theresa Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tas-16 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-attur Joseph Vella bejgh u ttrasferixxa lill-konvenuti s-socjeta kummercjali bl-isem ta' Fortudol Limited (C30476) kif jirrizulta mill-annessi skritturi tal-15 ta' Settembru 2010 u dan versu l-prezz ta' miljun u nofs ewro (€1,500,000) (Dok. A u B).

2. Illi l-konvenuti pero sabu ruhhom f'sitwazzjoni finanzjarja tali li ma setghux ihallsu dan l-ammont. In effetti zewg cheques minnhom ikkonsenjati lill-attur akkont tal-prezz ma gewx onorati (Dok. C u D) u rrizulta illi l-kontijiet relattivi I-bank kienu gew maghluqa.

3. Illi konsegwentement il-kontendenti kienu ffirmaw skrittura ohra datata 29 ta' Jannar 2011 fejn qablu li jirrixendu l-bejgh de quo u fl-istess skrittura l-konvenuti ikkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri tal-atturi flimkien fis-somma ta' mija u hamsin elf ewro (€150,000) (Dok. E).

4. Illi apparti minn hekk minhabba fil-morozita tal-konvenuti l-atturi sofrew danni kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta' mija u hamsin elf ewro (€150,000) skond skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 29 ta' Jannar 2011,

2. Tiddikjara illi minhabba l-morozita da parti tal-konvenuti a kawza ta' liema kellu jigi rexess il-kuntratt ta' bejgh tas-socjeta Fortudol Limited datat 15 ta' Settembru 2010, l-atturi sofrew danni.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi.

4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' mandat ta' inibizzjoni numru 199/11 u l-mandatiipprezentati kontestwalment, u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

Preliminari:
Il-posizzjoni ta' Maria Theresa Zammit
Illi in kwantu jirrigwarda Maria Theresa Zammit din bl-ebda mod ma tiffigura fid-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti u bl-ebda mod ma kienet parti, jew a konoxxenza ta' xi negozju ma' Joseph Vella jew Fortudol Limited, u kwindi assolutament ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn l-atturi. Fil-fatt Maria Thereza Zammit u zewgha Norman Zammit ghaddejjin bi proceduri ta' separazzjoni u hi tirrisjedi fl-Inghilterra, u bl-ebda mod ma kienet a konoxxenza tan-negozju mertu ta' dil-kawza.

Il-posizzjoni ta' Fortudol Limited
Illi kif ammess mill-atturi fil-premessi taghhom, u minghajr pregudizzju ghal dak li ser jigi eccepit iktar 'l quddiem, is-socjeta' Fortudol Limited kienet l-oggett tal-kuntratt mertu tal-kawza u mhux wahda mill-partijiet tal-kuntratt, u kwindi m'ghandhiex locus standi bhala attur, u in kwantu jirrigwarda t-talbiet taghha dawn ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Mertu
Illi in kwantu jirrigwarda l-iskrittura datata 29 ta' Jannar 2011, din taghmel referenza ghal skrittura ohra datata 15 ta' Settembru 2010. Dawn iz-zewg skritturi kellhom bhala oggett taghhom il-bejgh tas-socjeta Fortudol Limited, liema socjeta hija persuna vestita b'personalita guridika. In vista tal-fatt illi persuna, guridika jew fizika, hija oggett extra commercium ai termini tal-artikolu 982(2) tal-Kap. 16, din ma setghet qatt kienet l-oggett ta' kuntratt, u kwindi l-obligazzjoni imsemmija fl-iskrittura tad-29 ta' Jannar 2011 hija minghajr ebda effett legali.

Illi barra min hekk, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kunsens moghti mill-konvenuti Philip Zammit u Norman Zammit ghall-iskrittura tad-29 ta' Jannar 2011, gie karpit bi vjolenza u b'theddid ta' vjolenza u ghal dan il-ghan qed tigi intavolata procedura ad hoc sabiex din l-iskrittura tigi dikjarata nulla minhabba f'hekk.

Illi barra minn hekk, u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba sussidjara ghad-danni fir-rikors tal-atturi, ma ghandiex tigi milqugha minn din il-Qorti una volta l-

istess skrittura tad-29 ta' Jannar 2011 tipprovdi ghad-danni prelikwidati ta' ewro150,000 u kwindi ma hemm ebda lok ghad-danni ulterjuri kif pretizi mill-atturi.

Illi in kwantu jirrigwarda l-konvenut Norman Zammit, dan ma kienx parti ghal-iskrittura originali datata 15 ta Settembru 2010 li ghaliha taghmel referenza l-iskrittura ta' 29 ta' Jannar 2011 u ghalhekk anke ghal din ir-raguni biss huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, u zgur li ma jistax jinstab responsabbli ghal ebda danni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuti Philip Zammit u Norman Zammit li tghid hekk:

Illi stante li meta gew iffirmati l-iskritturi, l-attur proprio et nomine kellu fis-sehh kontrih freezing order, u kwindi kien fl-impossibilita legali li jiffirma l-iskritturi in kwestjoni.

Illi per konsegwenza tal-istess il-causa tal-kuntratti iffirmati fil-15 ta' Settembru 2010 u 29 ta' Jannar 2011 kienet causa illegali u kwindi l-istess kuntratti huma nulli. Fil-fatt giet intavolata kawza ad hoc sabiex jithassru l-istess zewg kuntratti. Din hi kawza numru 576/15 fl-ismijiet Norman Zammit u Philip Zammit vs Joseph Vella (ID 32954M) f'ismu proprio u ghan-nom ta' Fortudol Limited.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jhallsuhom is-somma ta’ €150,000 bhala kreditu rikonoxxut mill-istess konvenuti naxxenti minn skrittura tad-29 ta’ Jannar 2011. Qed jitolbu wkoll id-danni sofferti peress li kellha tigi rexissa skrittura ohra precedenti tal-15 ta’ Settembru 2010.

Tajjeb li qabel xejn jigi precizat f’hiex kienu jikkonsistu z-zewg skritturi. Fl-ewwel wahda tal-15 ta’ Settembru 2010 (fol. 4 tal-process) Joseph Vella itrasferixxa lil Philip Zammit, is-socjeta Fortudol Limited bl-avvjament u stock bi prezz stabbilit u b’kondizzjonijiet ta’ hlas kif imsemmija fl-istess skrittura. Tali ftehim gie estiz fl-4 ta’

Jannar 2011. Il-proceduri formali ta' trasferiment mal-istituzzjonijiet koncernati kellu jsir wara l-hlas kollu pattwit.

Fid-29 ta' Jannar 2011, dehru l-atturi u l-konvenuti Norman u Philip Vella fejn ghamlu referenza ghal ftehim tal-15 ta' Settembru 2010 kif imgedded fl-4 ta' Jannar 2011 u ddikjaraw li peress li l-komparenti Zammit baqghu inadempjenti fuq il-ftehim tal-15 ta' Settembru 2010, dan il-ftehim kien qed jigi rexiss. Fl-istess waqt ikkostitwew ruhhom debituri ta' Joseph Vella f'isem Fortudol Limited fl-ammont ta' €150,000. Tali skrittura kellha kondizzjoni rizoluttiva jekk il-komparenti Zammit ihallsu €206,000 sal-1 ta' Frar 2011. Hi l-fehma tal-Qorti illi l-intendiment kien car fis-sens illi jekk isir tali pagament, tibqa' in vigore l-ewwel skrittura. Fin-nuqqas tibqa fis-sehh it-tieni skrittura. Mill-atti ma jirrizultax illi l-komparenti Zammit hallsu xi parti mill-€206,000 u ghalhekk baqghet fis-sehh it-tieni skrittura, u hi din l-iskrittura l-mertu proprju tal-kawza fl-ewwel talba attrici. It-tieni, it-tielet u raba' talbiet huma pretensjoni ta' danni minn nuqqas tal-konvenuti li jaderixxu mal-ewwel ftehim.

Saru diversi eccezzjonijiet preliminari li ser jigu trattati.

**Eccezzjoni ta' Maria Theresa Zammit li mhix legittimu kontradittur**

Ma hemmx dubju illi Maria Theresa Zammit ma kinitx parti f'ebda ftehim u anqas tissemma. Hi ma kinitx taf u ma tat ebda kunsens lil zewgha Norman jew lil binha Philip jidhlu f'ebda wiehed mill-ftehim. It-talba attrici hi primarjament ghal hlas ta' debitu dovut mill-komparenti Norman u Philip Zammit personalment. Id-debitu hu naxxenti, kif jidher mill-iskritturi, minn negozju li ma sehhx. Dan in-negozju cioe xiri tal-ishma ta' kumpanija hi wahda ta' natura straordinarja li tirrikjedi l-kunsens taz-zewg mizzewgin. L-istess jinghad ghall-iskrittura fejn il-konvenuti kkostitew ruhhom debituri ta' Fortudol Limited. Dan il-kunsens ma nghatax mill-konvenuta Maria Theresa Zammit. Ghalhekk il-konvenuta Maria Theresa Zammit ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-atturi naxxenti mill-istess ftehim. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Aquilina noe vs Falzon et**, (PA 16/10/1998):

> gie affermat li mara mizzewga ghandha l-kapacita li tidhol f'obbligazzjonijiet minghajr il-kunsens jew l-assistenza ta' zewgha, u dik l-iskrittura torbot lill-mara wahedha u ghandha taghmel tajjeb ghall-istess obbligazzjonijiet bil-

beni parafernali taghha. Hemm ukoll kien gie allegat li l-att hu null ghax ma kienx gie ffirmat mir-ragel u l-mara, u din il-Qorti, ghalkemm qablet li dak il-kuntratt iffirmat mill-mara biss, ma kienx jorbot il-komunjoni tal-akkwisti, affermat li ma kienx null, izda validu fil-konfront tal-mara biss.

Kreditur li jkun qed jinnegozja ma' konsorti wahdu, m'ghandux ghalfejn jirrikjedi aktar mill-firma tieghu biex b'hekk ikollu obbligazzjoni valida u bir-"rekwiziti kollha legali"; huwa biss biex jorbot lill-komunjoni tal-akkwisti, li jkun jirrikjedi l-firma tal-konsorti l-ohra. Kuntratt li jinvolvi att ta' natura straordinarja ffirmat minn konsorti wahdu, mhux nieqes mir-"rekwiziti kollha legali", izda validu u jorbot lil min jiffirmah.

Ghalhekk f'din il-kaz, billi Maria Theresa Zammit ma kinitx partecipi f'ebda ftehim ma ghandhiex tippartecipa f'dawn il-proceduri u ghandha tigi liberata.

**Eccezzjoni li Fortudol Limited kien biss l-oggett tal-kuntratt u mhux parti u ghalhekk ma ghandhiex locus standi**

Din l-eccezzjoni ma fihiex bazi. L-atturi qed jenforzaw fost talbiet ohra il-ftehim tad-29 ta' Jannar 2011 li ghalih dehru Joseph Vella u accetta li l-kreditu dovut jappartjeni lis-socjeta Fortudol Limited tant li deher f'isimha bhala accentanti l-kreditu. Hi l-kreditrici f'dan il-ftehim u kwindi ghandha locus standi biex tenforza d-drittijiet naxxenti mill-istess ftehim.

**Eccezzjoni li s-socjeta Fortudol qatt ma setghet tkun l-oggett ta' kuntratt datat 15 ta' Settembru 2010 li ghalih issir referenza fil-ftehim tad-29 ta' Jannar 2011 ghax hi oggett extra commercium ai termini tal-artikolu 982(2) Kap. 16**

Din l-eccezzjoni wkoll hi bla bazi. L-atturi qed jenforzaw fost talbiet ohra l-iskrittura tad-29 ta' Jannar 2011 fejn is-socjeta Fortudol qed tigi dikjarata kreditrici tal-konvenuti Philip u Norman Zammit. Hi tidher rapprezentata min Joseph Vella li ghalkemm fl-ewwel parti tal-iskritura jissemma' f'ismu biss ghax hekk deher fl-iskrittura tal-15 ta' Settembru 2010 izda fil-parti rilevanti ghall-iskop tal-iskrittura tad-29 ta' Jannar 2011, hemm miftiehem illi d-debitu dikjaratament dovut minn Norman u Philip Zammit hu fil-konfront tas-socjeta Fortudol Limited rapprezentata min Joseph Vella. B'din l-istess skrittura kull ftehim raggunt minn Joseph Vella u Norman Zammit

f'Settembru 2010 kien qed jigi rexiss. Kwindi ma hemm ebda nullita a bazi tal-artikolu 982(2) tal-Kap. 16.

**Eccezzjoni dwar it-talba ghad-danni**

Il-Qorti tqis tali eccezzjoni gustifikata. La darba l-iskrittura tal-15 ta' Settembru 2010 giet rexissa minhabba li dahlet fis-sehh l-iskrittura tad-29 ta' Jannar 2011 li stabbiliet somma ta' €150,000 stante r-rexxisjoni tal-ewwel ftehim, din is-somma kienet tirraprezenta danni prelikwidati miftehma bejn il-partijiet u l-atturi ma jistghux jenforzaw tali ftehim u fl-istess waqt jergghu jitolbu d-danni.

**Eccezzjoni dwar il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju ta' Norman Zammit**

Din l-eccezzjoni hi valida biss fejn tirrigwarda t-talba ghad-danni tal-atturi naxxenti mill-iskrittura ta' Settembru 2010 billi hu ma kienx parti pero hu parti fil-ftehim tad-29 ta' Jannar 2011 u ghalhekk la darba accetta li jidhol responsabbli ghal hlas hu legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

**Eccezzjoni li l-kunsens tal-konvenuti Norman u Philip Zammit fl-iskrittura tad-29 ta' Jannar 2011 gie karpit b'theddid u vjolenza**

Din l-eccezzjoni saret biss ghall-informazzjoni li kienet qed issir kawza ad hoc fuq tali pretensjoni. Fil-fatt ittiehdu proceduri b'rikors guramentat 1009/2011 fl-ismijiet Norman Vella et vs Joseph Vella et deciza kontra l-atturi minn din il-Qorti kif preseduta fis-26 ta' Marzu 2015.

**Eccezzjoni ulterjuri li meta gew iffirmati l-iskritturi mertu tal-kawza odjerna kien hemm freezing order u ghalhekk il-kuntratti huma nulli**

Din l-eccezzjoni fiha mertu ta' stharrig. Jirrizulta a fol. 109 tal-process illi fil-21 ta' Gunju 2010 il-Qorti tal-Magristrati bhala Qorti Istruttorja fil-kumpilazzjoni 811/2009 ordnat 'is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod generali, il-flejjes u l-proprjeta mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew jkunu jmissu lil Giuseppe Vella jew li jkunu proprjeta

tieghu u pprojbiet lill-isemmi Giuseepe Vella milli jitrasferixxi jew xorta ohra jiddisponi minn xi proprjeta mobbli jew immobbli ai termini tal-artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 23A(2) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta'. B'digriet tal-14 ta' Lulju 2011 (Dok JV1) fol. 131 l-istess Qorti kkjarifikat id-digriet tal-21 ta' Gunju 2010 u qalet hekk 'Il-Qorti, tirrileva u l-partijiet jaqblu li l-assi li huma sekwestrati fil-kors ta' dawn il-proceduri huma dawk ta' Giuseppe Vella personali biss. L-assi tas-socjetajiet kummercjali li huwa jew jirraprezenta jew ghandu xi sehem fihom ma gewx sekwestrati fil-kors ta' dawn il-proceduri'.

Il-Qorti hi tal-fehma illi freezing order ghandha l-iskop car li l-assi hekk kolpiti ma jintmessux mill-persuna li kontriha ikun sar l-ordni biex jigu preservati sa tmiem il-proceduri gudizjarji jew sakemm isir ordni ohra mill-istess Qorti li tkun hargitu. Il-konsegwenza ta' trasgressjoni ta' tali ordni hu li tigi dikjarata nulla u bla effett it-transazzjoni li tmur kontra l-ordni (ara artikolu 6 tal-Kap. 373). L-ordni kienet cara u kienet tolqot lil Joseph Vella personalment milli jiddisponi minn gidu. Zgur li bl-iskrittura tal-15 ta' Settembru 2010 hu kien qed jiddisponi mill-ishma li kellu fis-socjeta Fortudol Limited jew l-interess li kellu fiha. Dan ma setghax jaghmlu u l-parti l-ohra ghandha kull dritt tqis li tali kontrattazzjoni ma kellhiex tibqa' issehh. Il-kontrattazzjoni kienet affetta minn att ipprojbit li kien jorbot lil terzi wkoll skond l-artikolu 5 tal-Kap. 373 u ghalhekk ma seta jkollha ebda effettivita. Hu minnu li din l-iskrittura ta' trasferiment giet rexissa mill-istess Joseph Vella u l-konvenuti Norman u Philip Zammit. Tali rexissjoni pero xorta ma kinitx ser tbiddel il-fatt li ab initio l-iskrittura ma setghax ikollha validita ghax tmur kontra l-ordni tal-Qorti u ghalhekk it-talba ghad-danni tal-atturi naxxenti mill-iskrittura ta' Settembru 2010 hi ghal kollox infondata fid-dritt ghax ebda talba ghad-danni ma tista' tinsorgi minn att ipprojbit u bla effett ab initio minhabba l-projbizzjoni imposta mill-Qorti u dan apparti mill-konsiderazzjoniet maghmula rigward tali talba aktar il-fuq f'din is-sentenza.

Il-Qorti tirrileva illi t-tieni skrittura ma saritx a favur ta' Joseph Vella personalment izda a beneficcju tas-socjeta Fortudol. Pero din il-Qorti hi tal-fehma illi tali skrittura saret b'effett dirett tal-iskrittura ta' Settembru 2010. Fil-fatt l-ewwel parti tal-iskrittura

hi r-rexissjoni tal-iskrittura ta' Settembru 2010 minhabba l-inadempjenza tal-konvenuti Zammit cioe li dawn ma hallsux is-somma miftehma fl-iskrittrua ta' Settembru 2010 fejn il-kreditur kien Joseph Vella. Ma hux specifikat ghaliex minflok, il-konvenuti Zammit kienu qed jiddikjaraw ruhhom debituri ta' Fortudol Limited ghal €150,000 izda hu wisq verosimili li tali hlas kien intiz bhala danni jew rikompens sabiex Joseph Vella jaccetta r-rexissjoni tal-ftehim li sar f'Settembru 2010 mal-konvenuti li ma jibqghux obbligati ghal hlas ta' €150,000 skond l-imsemmi ftehim. Hu minnu illi l-hlas kellu jsir lil Fortudol Limited izda ma hemm xejn x'josta li l-kreditur, li fl-ewwel skrittura ta' Settembru 2010 u fl-ewwel parti tat-tieni skrittura tal-2011, kien Joseph Vella li jistipula li l-hlas li wara kollox kien dovut lilu bhala kreditur isir lil terz, f'dan il-kaz Fortudol Limited, kumpanija li fiha Joseph Vella jidher li kien il-propjetarju minn dak li qal a fol. 187 fl-ahhar paragrafu tax-xiehda tieghu tal-25 ta' Novembru 2014 fil-process 1009/2001 fejn jghid li Norman Zammit ried jixtri l-kumpanija ghat-tifel tieghu. Joseph Vella ghalhekk kien qed ibiegh dak kollu li kellha l-kumpanija u dan ma setghax jaghmlu jekk ma kellux il-kontroll shih fuq l-ishma tal-istess kumpanija.

Tali hlas kien qed isir b'konsegwenza diretta ta' ftehim li minnu nnifsu hu milqut b'nullita u billi l-ftehim ta' Jannar kien intimament konness u dipendenti ghal dak li sehh mill-iskrittura u ftehim ta' Settembru 2010 u ghandu jitqies bhala konsegwenzjali ghar-rexissjoni tal-ewwel ftehim, hu wkoll hu affett mill-istess projbizzjoni u kwindi nullita li kienet tolqot l-istess ftehim li sar dejjem ma' Joseph Vella. Iz-zewg skritturi ma jistghux jitqiesu distinti minn xulxin u indipendenti b'mod li l-iskrittura ta' Jannar 2010 tinghata hajja ta' kreditu indipendenti meta dak li wassal ghal tali ftehim kien ftehim iehor antecedenti u illegali liema ftehim illegali kien il-bazi unika li wassal ghat-tieni ftehim. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuti hi ben fondata u dan tenut ukoll kont tal-fatt illi l-konvenuti xehdu li saru jafu biss bil-freezing order f'dawn il-proceduri u mhux qabel. Il-Qorti tqis li l-fatt li l-freezing order tnehha fis-27 ta' Mejju 2013 (ara Dok RB3 fol. 111 tal-process) ma ser ibiddel xejn mill-konsiderazzjoni maghmula mill-Qorti ghal dak li sehh qabel.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ta' Maria Theresa Zammit li mhix legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti Norman u Philip Zammit, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni rigward it-talba sussidjarja attrici ghad-danni u tilqa' wkoll l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti illi l-iskritturi tal-15 ta' Settembru 2010 u 29 ta' Jannar 2011 kienu affetti minn illegalita u kwindi nulli, u ghalhekk tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur